

Brussell, 14 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

10088/22

ENER 295

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza Straordinarja tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija, fl-24 ta' Ġunju 2022 - Adozzjoni

1. Fit-13 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza Straordinarja tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija fl-24 ta' Ġunju 2022.
2. Il-proposta tikkonċerna diversi atti li għandhom jiġu adottati dwar il-punti li ġejjin: (i) l-emenda tar-Regoli ta' Proċedura tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija, (ii) l-irtirar tal-istatus ta' osservatur tal-Federazzjoni Russa mill-Konferenza, u (iii) is-sospensjoni tal-applikazzjoni proviżorja tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija fir-rigward tal-Belarusija u s-sospensjoni tal-Belarusija bħala osservatur għat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija.
3. L-abbozz preliminari tal-proposta ġie ppreżentat u diskuss mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija fis-7 ta' Ġunju 2022. Il-kontenut tal-abbozz tat-13 ta' Ġunju huwa eżattament l-istess.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub:

- jikkonferma l-qbil dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill,
 - jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument 10089/22, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss,
 - jieħu nota li l-Parlament Ewropew ser jiġi informat u l-pożizzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew.
-